DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-10 ta' Diċembru 2014

li tistabbilixxi l-format għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21(3) tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikoluż

(notifikata bid-dokument C(2014) 9334)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/895/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikoluż li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(5) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 21(3) tad-Direttiva 2012/18/UE jitlob li l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar l-istabbilimenti koperti b'dik id-Direttiva bl-użu ta' formola ta' rapport speċifika.

(2) Il-formola tar-rapport għandha tippermetti l-komunikazzjoni ta' informazzjoni simplifikata mill-Istati Membri, sabiex jimmassimizzaw l-utilità u l-komparabbiltà tal-informazzjoni pprovduta u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri, filwaqt li jirrispettaw ukoll ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(3) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 96/82/KE ([3]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21(3) tad-Direttiva 2012/18/UE billi jużaw il-format ta' rappurtar stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Għal entrati eżistenti fil-bażi tad-dejta, l-informazzjoni għandha tiġi rieżaminata sal-31 ta' Diċembru 2016.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kummissjoni
Karmenu VELLA
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1.
([2]) Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).
([3]) Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikoluż (ĠU L 10, 14.1.1997, p. 13).

ANNESS

FORMAT GĦALL-GĦOTI TA' INFORMAZZJONI SKONT L-ARTIKOLU 21(3) TAD-DIRETTIVA 2012/18/UE

L-ispazji kollha mmarkati b'asterisk huma obbligatorji.

Informazzjoni kunfidenzjali għandha tkun immarkata bħala tali b'indikazzjoni għal kull tip ta' dejta, bir-raġunijiet għal rifjut skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

1. **Parti 1 — Sistema ta' awtentikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (ECAS)**

Għall-finijiet ta' sigurtà, l-utent ta' Stat Membru jkun jista' biss jaċċessja eSPIRS billi jirreġistra f'ECAS, is-Sistema ta' Awtentifikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, billi jipprovdi l-informazzjoni tal-utent obbligatorja li ġejja:

(a) *Isem**: l-isem tal-utent

(b) *Kunjom**: l-isem tal-utent

(c) *Posta elettronika**: l-indirizz tal-posta elettronika tal-utent

(d) *Ir-rwol tal-utent**: Il-Korrispondent Nazzjonali (NR) jew Amministratur Nazzjonali (NA)

Ladarba l-utent ikun ġie awtentikat, huwa jkun iggwidat lejn il-portal MINERVA tal-Uffiċċju għall-Inċidenti ta' Perikli Maġġuri fejn jinstab eSPIRS. Id-drittijiet tal-utent għall-bażi tad-dejta eSPIRS tingħata skont ir-rwol tal-utent.

2. **Parti 2 — Informazzjoni li għandha tiġi rrapportata f'eSPIRS**

L-utent għandu jipprovdi l-informazzjoni elenkata hawn taħt billi jew juża l-format ta' rappurtar onlajn li jippermetti li tiġi importata d-dejta għal kull stabbiliment separatament, jew inkella għodda ta' esportazzjoni nazzjonali bl-użu tal-mudell tal-eSPIRS XML għall-importazzjoni awtomatika tal-informazzjoni inkluża fil-bażi(jiet) tad-dejta nazzjonali/reġjonali/lokali tagħha f'eSPIRS.

2.1. L-Awtorità Kompetenti li Tirrapporta

(a) *Isem**: L-isem uffiċjali tal-Awtorità Kompetenti li Tirrapporta

(b) *Indirizz**: L-isem tat-triq fejn tinstab l-Awtorità Kompetenti li Tirrapporta

(c) *Belt**: Il-belt jew raħal fejn tinstab l-Awtorità Kompetenti li Tirrapporta

(d) *Kodiċi postali**: Il-kodiċi postali fejn tinstab l-Awtorità Kompetenti li Tirrapporta

(e) *Pajjiż**: Il-pajjiż fejn tinstab l-Awtorità Kompetenti li Tirrapporta

(f) *Kummenti*: Kummenti li l-utent jista' jkun jixtieq iżid fir-rigward tal-Awtorità Kompetenti li Tirrapporta

2.2. L-isem u l-attivitajiet tal-istabbiliment

(a) *L-istatus Seveso**: [Skont Seveso III jeżistu żewġ livelli tal-istatus tal-istabbiliment: *livell ogħla* u *livell aktar baxx*]

(b) *Isem**: L-isem tal-istabbiliment Seveso rrappurtat f'eSPIRS

(c) *Impriża Prinċipali*: Impriża azzjonarja/impriża prinċipali tal-istabbiliment

(d) *Kodiċi personalizzat*: Il-kodiċi li l-utent jista' jdaħħal jekk ikun jixtieq jibqa' juża s-sistema l-antika tal-kodiċi f'eSPIRS

(e) *It-tip tal-industrija u/jew il-Kodiċi NACE**: Meta stabbiliment ikun relatat ma' aktar minn kodiċi SPIRS u/jew NACE wieħed, għandha ssir distinzjoni bejn l-attività primarja u l-attivitajiet sekondarji.

(1) It-tip ta' industrija jrid tiġi indikat skont il-kodiċijiet SPIRS ta' Seveso:

(1) Agrikoltura

(2) Attivitajiet sportivi u ta' divertiment (eżempju rink tas-silġ)

(3) Attivitajiet tal-minjieri (fdalijiet ta' skart & proċessi fisikokimiċi)

([1]) Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

(4) Proċessar ta' metalli

(5) Proċessar ta' metalli tal-ħadid (funderiji, tidwib bis-sħana, eċċ.)

(6) Proċessar ta' metalli mhux tal-ħadid (funderiji, tidwib bis-sħana eċċ.)

(7) Proċessar ta' metalli bi proċessi elettroliticiċi jew kimiċi

(8) Petrokimiċi/Raffinaturi taż-żejt

(9) Ġenerazzjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni tal-enerġija

(10) Ħażna ta' fjwuils (inklużi t-tisħin, il-bejgħ bl-imnut, eċċ.)

(11) Produzzjoni, distruzzjoni u ħażna ta' splussivi

(12) Produzzjoni u ħażna ta' murtali

(13) Produzzjoni, ibbottiljar u tqassim fi kwantitajiet kbar tal-LNG

(14) tal-LNG

(15) Ħażna u tqassim tal-LNG

(16) Ħażna u distribuzzjoni bl-ingrossa u bl-imnut (minbarra l-LPG)

(17) Produzzjoni u ħażna ta' pestiċidi, bijoċidi, fungiċidi

(18) Produzzjoni u ħażna ta' fertilizzanti

(19) Produzzjoni ta' farmaċewtiċi

(20) Ħażna, trattament u rimi ta' skart

(21) Ilma u drenaġġ (ġbir, provvista, trattament)

(22) Installazzjonijiet kimiċi

(23) Produzzjoni ta' kimiċi organiċi bażiċi

(24) Manifattura tal-plastik u tal-lastku

(25) Produzzjoni u manifattura ta' polpa u karta

(26) Trattament tal-injam u l-għamara

(27) Manifattura u trattament tat-tessuti

(28) Il-manifattura ta' prodotti tal-ikel u tax-xorb

(29) Inġinerija ġenerali, manifattura u armar

(30) Bini ta' vapuri, tkissir ta' vapuri, tiswija ta' vapuri

(31) Bini u xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-inġinerija

(32) Ċeramika (briks, fuħħar, ħġieġ, siment, eċċ.)

(33) Manifattura tal-ħġieġ

(34) Manifattura ta' siment, ġir u ġibs

(35) Elettroniċi u inġinerija elettrika

(36) Ċentri għat-tqandil u l-ġarr (portijiet, ajruporti, parkeġġi għat-trakkijiet, wesgħat fejn jinġemgħu l-ferroviji, eċċ.)

(37) Mediku, riċerka, edukazzjoni (inklużi sptarijiet, universitajiet, eċċ.)

(38) Manifattura ta' kimiċi ġenerali (mhux speċifikat mod ieħor fil-lista)

(39) Attività oħra (mhux speċifikat mod ieħor fil-lista)

(2) *Kodiċi NACE*: NACE huwa l-istandard tal-industrija Ewropew relatat ma' klassifikazzjoni statistika ta' attivitajiet ekonomiċi, u jikkonsisti f'kodiċi b'6 ċifri. L-utent jista' jkun jixtieq jirrelata l-istabbiliment ta' Seveso ma' din l-iskema ta' klassifikazzjoni, b'referenza għall-ewwel 4 ċifri, barra minn, jew bħala alternattiva għall-kodiċi SPIRS.

(f) *Ħolqa għas-sit inkluża aktar informazzjoni dwar l-istabbiliment**

(g) *ID E-PRTR*: Fejn l-istabbiliment ikun kopert kompletament jew parzjalment bir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], agħti l-identifikatur uniku nazzjonali użat għar-rappurtar tal-faċilità skont dak ir-Regolament, kif ukoll il-ħolqa għas-sit rilevanti.

(h) *ID IED* (mid-dejta tal-2016 'il quddiem): Fejn l-istabbiliment ikun kopert kompletament jew parzjalment bid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] (http://ec.europa.eu/environment/air/pollutants/stationary/ied/legislation.htm), agħti l-identifikatur uniku nazzjonali użat għar-rappurtar tal-faċilità skont dak ir-Regolament, kif ukoll il-ħolqa għas-sit rilevanti.

(i) Kummenti dwar l-istabbiliment: kummenti li l-utent jista' jkun jixtieq iżid fir-rigward tal-istabbiliment irrappurtat

2.3. Il-post tal-istabbiliment* l-indirizz sħiħ jew il-koordinati tal-latitudni/tal-lonġitudni

(a) *Indirizz**: L-isem tat-triq, in-numru tal-bieb u l-belt fejn jinstab l-istabbiliment

(b) *Latitudni**: Il-koordinati tal-latitudni tal-istabbiliment (jekk ma jingħatax indirizz)

(c) *Lonġitudni**: Il-koordinati tal-lonġitudni tal-istabbiliment (jekk ma jingħatax indirizz)

(d) *Kummenti dwar l-indirizz*: kummenti li l-utent jista' jkun jixtieq iżid fir-rigward tal-indirizz tal-istabbiliment

2.4. Sustanzi tal-istabbiliment

(a) *Sustanza (skont Seveso III)*: L-isem komuni jew l-isem ġeneriku jew il-klassifikazzjoni tal-periklu

(b) *Numru CAS*: In-Numru tar-Reġistru CAS huwa identifikatur numeriku uniku, huwa magħżul għal sustanza waħda biss, ma għandux sinifikat kimiku u huwa ħolqa għal minjiera ta' informazzjoni dwar sustanza kimika speċifika. Dan jista' jkun fih sa 10 ċifri, maqsuma permezz ta' sing fi tliet partijiet. (http://www.cas.org/content/chemical-substances)

(c) *Kwantità*: L-ammont ta' sustanza f'tunnellati

(d) *Proprjetajiet fiżiċi*: Il-kundizzjonijiet tal-ħżin li fihom tinżamm is-sustanza, bħall-istat (solidu, likwidu, gass), il-granularità (trab, gerbub, eċċ.), il-pressjoni, it-temperatura, eċċ.

(e) *Kummenti dwar is-sustanzi*: kummenti li l-utent jista' jkun jixtieq iżid fir-rigward tas-sustanzi tal-istabbiliment irrappurtati

---

[1] Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta ' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta ' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

[2] Direttiva 2010/75/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).